**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Lulju 2021**

**Talba Nru: 151/21 CZ**

**Mapfre Middlesea p.lc. (C-5553) u Laferla Insurance Agency Limited (C-14529) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Neil Borg**

**vs.**

**John Paul Grima**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjetajiet attrici imressqa fit-28 ta' Mejju 2021 li biha ppremettew:

1. Illi l-assikurat tas-socjeta' rikorrenti, Neil Borg (K.I. Nru. 0261292 (M), ipparkja l-vettura tieghu ta' ghamla Suzuki Swift bin-numru ta' registrazzjoni DCI 735 fi Triq id-Dwiemes iz-Zejtun.
2. Illi nhar l-20 ta' Lulju 2019, wara li l-imsemmi Borg irritorna lejn il-vettura tieghu, huwa innota illi l-imsemmija vettura kienet mimlija tbajja tal-konkos, jew materjal iehor tal-kostruzzjoni, mal-vettura kollha. L-imsemmi Borg jirrilreva illi fl-ebda hin ma kien hemm xi sinjali li kellhom isiru xoghlijiet jew li ma kienx permess parkegg ghalkemm huwa nnota li kienu qeghdin isiru xi xoghlijiet fi propjeta' fl-imsemmija triq u rrizulta li l-intimat huwa l-kuntrattur li kien qieghed jaghmel dawn ix-xoghlijet.
3. Illi fit-22 ta' Lulju 2019 l-imsemmi Neil Borg mar ghand intermedjarju tas-socjeta' attrici biex jaghmel claim u gie mitlub jaghmel rapport tal-puzliija (Dok. A).
4. Illi s-socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha skond il-polza u skond il-ligi wara li hi hallset lill-imsemmi Neil Borg l-ammont ta' elf, mija u tlieta u sebghin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€1,173.83) (Dok. B)
5. Illi l-intimat gie interpellat permezz ta' ittra bonarja tat-2 ta' April 2020 (Dok. C) u permezz ta' ittra ufficcjali (2221/2020) ts-26 t'Ottubru 2020 (Dok. D) sabiex jersaq ghall-hlas tad-danni sofferti, izda baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti nomine titlob bir-rispett illi dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jiddikjara lill-konvenut unikament respnonsabbli ghad-danni kolha sofferti mis-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' elf, mija u tlieta u sebghin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€1,173.83) u tikkundanna lill-istess konvenut ihallas is-somma ta' elf, mija u tlieta u sebghin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€1,172.83) rapprezentanti kumpens ghal danni sofferti mill-assikurat taghha, Neil Borg, bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' ittra bonarja tat-2 t'April 2020, tal-ittra ufficcjali (2221/2020) tas-26 t'Ottubru 2020 u tal-ittra ufficcjali illi qieghda tigi prezentata kontestwalment u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Ra illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat ma pprezentax risposta.

Sema' x-xiehda ta' Dr. Stephen Thake[1].

Ra illi l-kawza giet posposta ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi fl-20 ta' Lulju 2019 Neil Borg, assikurat tas-socjetajiet attrici, kellu l-vettura parkeggjata fi Triq id-Dwiemes, iz-Zejtun, u sab illi din imtliet tbajja tal-konkos minn xoghlijiet li kien qed jaghmel il-konvenut bhala kuntrattur.

Illi jirrizulta mill-ittri esebiti illi l-konvenut, ghalkemm gie interpellat sabiex ihallas ghal dawn il-hsarat, baqa' ma hallasx.

Illi l-konvenut, ghalkemm debitament notifikat, ma prezenta l-ebda risposta f'din il-kawza.

Illi Dr. Stephen Thake fil-kwalita' tieghu ta' Segretarju tas-socjeta' attrici Laferla Insurance Agency Limited ikkonferma li l-ammont mitlub f'din il-kawza ghadu dovut fis-shih.

[1] Seduta tal-14 ta' Lulju 2021

Illi għalhekk it-talbiet tas-soċjetajiet attriċi jistħoqq li jintlaqgħu.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talbiet tas-soċjetajiet attriċi u jordna lill-konvenut iħallas lis-soċjetajiet attriċi s-somma ta' elf, mija u tlieta u sebgħin Euro u tlieta u tmenin ċentezmu (€1,173.83), bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna sad-data tal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż u drittijiet kif mitluba għandhom jitħallsu mill-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Ġudikatur**

Susanna Fenech

Deputat Reġistratur